

31999L0015

L 97/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

12.4.1999

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/15/KE**tas-16 ta' Marzu 1999****li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 76/759/KEE dwar il-fanali indikaturi tad-direzzjoni għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 98/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/759/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' fanali indikaturi tad-direzzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom⁽³⁾, kif l-aħħar emendata mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

(1) Billi d-Direttiva 76/759/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE li ġiet stabbilita mid-Direttiva 70/156/KEE; billi, b'konsegwenza, id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 70/156/KEE li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi, l-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tal-vetturi japplikaw għad-Direttiva 76/759/KEE;

(2) Billi, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 70/156/KEE jeħtieġu li kull Direttiva separata jkollha mehmuż magħha dokument ta' informazzjoni u wkoll ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ibbażat fuq l-Anness VI mad-Direttiva 70/156/KEE sabiex l-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi kompjuterizzata; billi ċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip previst fid-Direttiva 76/759/KEE għandu jiġi emendat kif xieraq;

(3) Billi l-proċeduri għandhom jiġu simplifikati sabiex tiġi miżmuma l-ekwivalenza maħsuba mill-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 70/156/KEE bejn xi Direttivi separati u r-regolamenti korrispondenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN-ECE), meta dawk ir-regolamenti jiġu emendati; billi, bħala l-ewwel pass, il-ħtiġiet tekniċi tad-Direttiva 76/759/KEE għandhom jiġu mibdula b'dawk tar-Regolament UN-ECE Nru 6 permezz ta' referenza għal xulxin;

(4) Billi hu neċessarju li jiġi assigurat li jkun hemm konformità mal-ħtiġiet fid-Direttiva tal-Kunsill 76/756/KEE⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/28/KE⁽⁵⁾, u fid-Direttiva tal-Kunsill 76/761/KEE⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/17/KE⁽⁷⁾;

(5) Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress tekniku stabbilit mid-Direttiva 70/156/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 76/759/KEE hi emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 hu mibdul b' li ġej:

“1. Kull Stat Membru għandu jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal kwalunkwe tip ta' fanal indikatur tad-direzzjoni li jissodisfa l-ħtiġiet tal-kostruzzjoni u l-eżami stabbiliti fl-Annessi rilevanti.”

(1) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.

(2) ĠU L 11, tas-16.1.1999, p. 25.

(3) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 71.

(4) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 1.

(5) ĠU L 171, tat-30.6.1997, p. 1.

(6) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 96.

(7) ĠU L 97, tat-12.4.1999, p. 45.

2. Fl-Artikolu 2, l-ewwel pragrafu hu mibdul b'li ġej:

“L-Istati Membri għandhom, għal kul tip ta' fanal indikatur tad-direzzjoni li japprovaw skond l-Artikolu 1, joħorġu lill-manifattur marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent li tikkonforma mal-mudell muri fl-Anness I, l-Appendiċi 3.”

3. L-Artikolu 4 hu mibdul b' li ġej:

“L-Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru għandhom jinfurmaw lil xulxin, permezz tal-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 70/156/KEE, b'kull approvazzjoni li jkunu taw, irrifjutaw jew irtiraw skond din id-Direttiva,”

4. L-artikolu 9 hu mibdul b' li ġej:

“L-Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, ‘vettura’ tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jew mingħajrha, li jkollha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25km fis-siegħa, u l-karrijiet tagħha, ħliet għall-vetturi li jimxu fuq il-linji u t-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-makkinarju mobbli kollu.”

5. L-Annessi huma mibdula bit-test fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. Mill-1 ta' Ottubru 1999, jew, jekk il-pubblikazzjoni tat-testi msemmija fl-Artikolu 3 tittardja iktar mill-1 ta' April 1999, sitt xhur wara d-data attwali tal-pubblikazzjoni ta' dawn it-testi, l-Istati Membri ma jistgħux għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fanali indikaturi tad-direzzjoni:

- jirrifjutaw, fir-rigward ta' tip ta' vettura jew tip ta' fanal indikatur tad-direzzjoni, li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew
- jipprojibixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi, jew il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' fanal indikatur tad-direzzjoni,

basta li l-fanali indikaturi tad-direzzjoni jikkonformaw mal-ħtiġiet tad-Direttiva 76/759/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, u li, sa fejn huma konċernati vetturi, huma installati skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

2. Mill-1 ta' April 2000 l-Istati Membri:

- ma'għandhomx iktar jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, u
- jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali

għal kwaluhkwe tip ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' fanali indikaturi tad-direzzjoni, u għal kwalunkwe tip ta' fanal indikatur tad-direzzjoni, jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 76/759/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva mhumiex sodisfatti.

3. Mill-1 ta' April 2001 il-ħtiġiet tad-Direttiva 76/759/KEE li għandhom x'jaqsmu mal-fanali indikaturi tad-direzzjoni bħala komponenti, kif emendata minn din id-Direttiva, għandhom ikunu applikabbli għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, għall-iskopijiet tal-partijiet ta' tibdil l-Istati Membri għandhom jibqgħu jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' fanali indikaturi tad-direzzjoni, u jippermettu l-bejgħ u d-dħul fis-servizz tagħhom, skond il-verżjonijiet preċedenti tad-Direttiva 76/759/KEE sakemm dawn il-fanali indikaturi tad-direzzjoni:

- huma maħsuba li jiġu mwaħħla f'vetturi diġà użati, u
- jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' dik id-Direttiva li kienu applikabbli meta l-vetturi kienu l-ewwel irreġistrati.

Artikolu 3

Il-paragrafi u l-annessi tar-Regolament Nru 6 UN-ECE, imsemmija fil-punt 1 ta' l-Anness II, għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej qabel l-1 ta' April 1999.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Ottubru 1999, madanakollu, jekk il-pubblikazzjoni tat-testi msemmija fl-Artikolu 3 tittardja iktar mill-1 ta' April 1999, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ma' dan l-obbligu sitt xhur wara d-data

attwali tal-pubblikazzjoni ta' dawn it-testi. Għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 1999, jew, jekk il-pubblikazzjoni tat-testi msemija fl-Artikolu 3 tittardja lil hinn mil-1 ta' April 1999, sitt xhur wara d-data attwali tal-pubblikazzjoni ta' dawk it-testi.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif din ir-riferenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fis-kamp kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

"LISTA TA' L-ANNESSI

L-ANNESS I	Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip
	<i>Appendiċi 1:</i> Id-dokument ta' informazzjoni
	<i>Appendiċi 2:</i> Iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip
	<i>Appendiċi 3:</i> Il-mudelli tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent
L-ANNESS II:	Ħtiġiet tekniċi

L-ANNEX I

DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT
 - 1.1. L-applikazzjoni għall-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għal tip ta' fanal indikatur tad-direzzjoni għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.
 - 1.2. Mudell għad-dokument ta' l-informazzjoni hu mogħti fl-Appendiċi 1.
 - 1.3. Li ġej għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku responsabbli biex jikkonduċi t-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip:
 - 1.3.1. Żewġ kampjuni mġhammra bil-fanali jew il-fanali rakkomandati; jekk il-mezzimhumiex identiċi imma huma simetriċi u tajbin biex jiġu mmuntati wieħed fuq in-naħa ta-xellug u wieħed fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura, iż-żewġ kampjuni sottomessi jistgħu ikunu identiċi u tajbin biex jiġu mmuntati biss fuq in-naħa tal-lemin jew biss fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura; għall-indikatur tad-direzzjoni tal-kategorija 2b, l-applikazzjoni għandu wkoll ikollha magħha żewġ kampjuni tal-partijiet li jikkostitwixxu s-sistema li tassigura ż-żewġ livelli ta' intensità.
2. L-IMMARKAR
 - 2.1. Il-mezzi sottomessi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandu jkollhom:
 - 2.1.1. l-isem kummerċjali jew *trade mark* tal-manifattur;
 - 2.1.2. fil-każ ta' fanali bis-sorsi tad-dawl sostitwibbli: it-tip(i) ta' bozza tal-filament preskritt;
 - 2.1.3. fil-każ ta' fanal bis-sorsi tad-dawl li mhumiex sostitwibbli: il-vultaġġ u l-wattage nominali.
 - 2.2. Dawn il-marki għandhom ikunu jistgħu jinqraw b'mod ċar u ma jitħassrux u għandhom ikunu mwaħħla mal-wiċċ li jarmi d-dawl, jew ma' wieħed mill-uċuh li jarmi d-dawl, tal-imezz. Għandhom ikunu visibbli minn barra meta l-imezz hu mwaħħal mal-vettura.
 - 2.3. Kull mezz għandu jkollu biżżejjed spazju għall-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent. Dan l-ispace għandu jintwera fuq id-disinni imsemmija fl-Appendiċi 1.
3. L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT
 - 3.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti huma sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk applikabbli, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom jingħataw.
 - 3.2. Mudell għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE hu mogħti fl-Appendiċi 2.
 - 3.3. Numru ta' l-approvazzjoni konformi ma' l-Anness VII mad-Direttiva 70/156/KEE għandu jkun mogħti lil kull tip ta' fanal indikatur tad-direzzjoni approvat. L-istess Stat Membru m'għandux jagħti l-istess numru lil tip ieħor ta' fanal indikatur tad-direzzjoni.

3.4. Meta l-approvazzjoni ta' tip tal-KE ta' komponent hi mitluba għal tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi fanal indikatur tad- direzzjoni u fanali oħrajn, numru wieħed ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent jista' jingħata sakemm il-fanal indikatur tad-direzzjoni jikkonforma mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u kull wieħed mill-fanali l-oħrajn li jiffurmaw parti mill-imezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent hi mitluba jikkonforma mad-Direttiva separata li tapplika għalih.

4. MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

4.1. F'addizzjoni mal-marki msemmija fil-punt 2.1., kull fanal indikatur tad-direzzjoni li jikkonforma mat-tip approvat skond din id-Direttiva għandu jkollu marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent.

4.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f:

4.2.1. rettangolu madwar l-ittra 'e' u warajh in-numru jew l-ittri distintivi ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip:

1	għall-Ġermanja	11	għar-Renju Unit
2	għal Franza	12	għall-Awstrija
3	għall-Italja	13	għal-Lussemburgu
4	għall-Olanda	17	għall-Finlandja
5	għall-Isvezja	18	għad-Danimarka
6	għall-Belġju	21	għall-Portugall
9	għal Spanja	23	għall-Greċja
		IRL	għall-Irlanda;

4.2.2. fil-qrib tar-rettangolu 'in-numru bażi ta' l-approvazzjoni' miżmum fis-sezzjoni 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Anness VII mad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut minn żewġ ċifri li juru n-numru ta' sekwenza mogħti lill-emenda teknika maġġuri l-iktar riċenti lid-Direttiva 76/759/KEE fid-data li fiha l-approvazzjoni tat-tip tal-KE kienet mogħtija. F'din id-Direttiva in-numru ta' sekwenza hu 01;

4.2.3. simboli addizzjonali kif ġej:

4.2.3.1. wieħed jew iktar min-numri: 1, 1a, 1b, 2a, 2b, 3, 4, 5, jew 6, skond jekk il-imezz jappartjenix għal kategorija waħda jew iktar 1, 1a, 1b, 2a, 2b, 3, 4, 5, jew 6;

4.2.3.2. fuq mezz li ma jistgħux jiġu mmuntati fuq ebda naħa tal-vettura b'mod mhux diskriminatorju, vleġġa li turi f'liema pożizzjoni l-imezz għandu jġi mmuntat (il-vleġġa għandha tkun diretta 'l barra mill-vettura fil-każ ta' mezz tal-kategoriji 1, 1a, 1b, 2a u 2b u lejn 'il quddiem tal-vettura fil-każ ta' mezz tal-kategoriji 3, 4, 5 u 6). F'addizzjoni, għal mezz tal-kategorija 6 indikazzjoni 'R' jew 'L' għandha f'dan il-każ tintwera fuq il-imezz, li turi n-naħa tal-lemin jew tax-xellug tal-vettura;

4.2.3.3. fuq mezz li jistgħu jintużaw bħala fanal wieħed u bħala parti minn assemblaġġ ta' żewġ fanali, l-ittra addizzjonali 'D' fuq in-naħa tal-lemin tas-simbolu msemmi fil-paragrafu 4.2.3.1.;

4.3. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandha tkun imwähħla mal-lenti tal-fanal jew ma' waħda mil-lentijiet b'tali mod li ma titħassarx u tkun tista' tinqara b'mod ċar anke meta l-fanali huma mwähħla mal-vettura.

4.4. L-arranġament tal-marka ta' l-approvazzjoni.

4.4.1. Fanali indipendenti:

Eżempji tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent huma mogħtija fl-Appendiċi 3, Figura 1.

- 4.4.2. Fanali raggruppati, kkombinati jew reċiprokament inkorporati:
- 4.4.2.1. Meta numru wieħed ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent hu maħruġ, skond punt 3.4 fuq, għal tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi fanal indikatur tad-direzzjoni u fanali oħrajn, marka waħda ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent tista' tiġi mwaħħla, li tikkonsisti f':
- 4.4.2.1.1. rettangolu madwar l-ittra 'e' u warajh in-numru jew l-ittri distintivi ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip (ara l-punt 4.2.1);
- 4.4.2.1.2. in-numru bażi ta' l-approvazzjoni (ara l-punt 4.2.2., l-ewwel nofs sentenza);
- 4.4.2.1.3. jekk neċċessarju, l-vleġġa meħtieġa, sa fejn din għandha x'taqsam ma' l-assemblaġġ sħiħ tal-fanal.
- 4.4.2.2. Din il-marka tista' tinstab kullimkien fuq il-fanali li huma raggruppati, kkombinati jew reċiprokament inkorporati, sakemm:
- 4.4.2.2.1. tkun tidher wara l-installazzjoni tal-fanali;
- 4.4.2.2.2. ebda komponenti li jittrażmettu d-dawl tal-fanali raggruppati, kkombinati jew reċiprokament inkorporati ma jistgħu jitneħħew mingħajr ma titneħħa simultanament il-marka ta' l-approvazzjoni.
- 4.4.2.3. Is-simbolu ta' identifikazzjoni għal kull fanal li jikkorrispondi għal kull Direttiva li konformi magħha l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent kienet mogħtija, flimkien man-numru tas-sekwenza (ara l-punt 4.2.2, it-tieni nofs sentenza) u, fejn neċċessarju, l-ittra 'D' u l-vleġġa meħtieġa għandhom ikunu mmarkati:
- 4.4.2.3.1. jew fuq il-wiċċ approprijat li jarmi d-dawl;
- 4.4.2.3.2. jew fi grupp, sabiex kull wieħed mill-fanali raggruppati, kumbinati jew reċiprokament inkorporati jkun jista' tiġi identifikata b'mod ċar.
- 4.4.2.4. Id-dimensjonijiet tal-komponenti ta' din il-marka m'għandhomx ikunu inqas mid-dimensjonijiet minimi speċifikati għall-marki idividwali mid-Direttivi varji li konformi magħhom l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent kienet mogħtija.
- 4.4.2.5. Eżempji ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal fanal li hu raggruppat, kkumbinat jew reċiprokament inkorporat ma' fanali oħrajn huma mogħtija fl-Appendiċi 3, il-Figura 2.
- 4.4.3. Fanali reċiprokament inkorporati ma' fanali oħrajn, li l-lenti ta' tagħhom tista' wkoll tintuża għal tipi oħrajn ta' *headlamps*:
- 4.4.3.1. id-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt 4.2.2. għandhom japplikaw;
- 4.4.3.2. f'addizzjoni, meta l-istess lenti hi użata, ta' l-aħħar jista' jkollha marki ta' l-approvazzjoni differenti li għandhom 'xjaqsmu mat-tipi differenti ta' *headlamps* jew unitajiet ta' fanali, sakemm il-qafas ewlieni tal-*headlamp*, anke jekk ma jistax jiġi sseparat mil-lenti, jinkludi wkoll l-isparju deskritt fil-punt 2.3 u jkollu l-marki ta' l-approvazzjoni tal-funzjonijiet attwali;
- 4.4.3.3. jekk tipi differenti ta' *headlamps* jinkludu l-istess qafas ewlieni, ta' l-aħħar jista' jkollu l-marki ta' l-approvazzjoni differenti.
- 4.4.3.4. Eżempji ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal fanali reċiprokament inkorporati ma' *headlamp* huma mogħtija fil-figura 3 ta' l-Appendiċi 3.

5. MODIFIKI TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET
- 5.1. Fil-każ ta' modifiki tat-tip approvat skond din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.
6. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 6.1. Bħala regola ġenerali, il-miżuri biex jassiguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu konformi mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.
- 6.2. Kull fanal indikatur tad-direzzjoni għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet fotometriċi u kolorimetriċi speċifikati fil-paragrafi 6 u 8 (*). Madanakollu, fil-każ ta' mezz magħżul saltwarjament minn serje ta' produzzjoni, il-ħtiġiet fejn għandha x'taqsam l-intensità minima tad-dawl mitfugħ (imkejla b'bozza tal-filament *standard* kif imsemmija fil-paragrafu 7 (*) għandhom ikunu limitati f'kull direzzjoni rilevanti għal 80 fil-mija tal-valuri minimi speċifikati fil-paragrafi 6.1 u 6.2 (*)

(*) Mid-dokumenti msemmija fil-punt 1 ta' l-Anness II ma' din id-Direttiva.

Appendiċi 1

Dokument ta' informazzjoni Nru...**Li għandu x'jaqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent KE ta' fanali indikaturi tad-direzzjoni***(Id-Direttiva 76/759/KEE, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva.../.../KE)*

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI
 - 0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
 - 0.2. It-Tip:
 - 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
 - 0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE
 - 0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:
1. DESKRIZZJONI TAL-IMEZZ
 - 1.1. It-tip ta' mezz:
 - 1.1.1. Il-funzjoni(jiet) tal-imezz:
 - 1.1.2. Il-kategorija jew il-klassi tal-imezz:
 - 1.1.3. Il-kulur tad-dawl mitfugħ jew rifless:
 - 1.2. Disinn(i) f'dettal suffiċjenti li jippermettu l-identifikazzjoni tat-tip tal- mezzu li juru:
 - 1.2.1. Fliema pożizzjoni ġeometrika l-imezz għandu jiġi mmuntat fuq il-vettura (mhux applikabbli għall-fanali tal-panċa ta' reġistrazzjoni ta' wara):
 - 1.2.2. l-assi ta' l-osservazzjoni li għandha tittieħed bħala l-assi ta' referenza fit-testijiet (l-angolu orizzontali $H = 0^\circ$, l-angolu wieqaf $V = 0^\circ$) u l-punt li għandu jittieħed bħala ċ-ċentru ta' referenza fit-testijiet imsemmija (mhux applikabbli għall-imezzi ta' retro-rifletturi u l-fanali tal-panċi tar-reġistrazzjoni ta' wara):
 - 1.2.3. il-pożizzjoni maħsuba għall-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent:
 - 1.2.4. għall-fanali tal-panċi tar-reġistrazzjoni ta' wara, il-pożizzjoni ġeometrika li fiha l-imezz għandu jiġi mqiegħed skond l-ispazju li għandu jiġi okkupat mill-panċa tar-reġistrazzjoni, u l-outline ta' l-ispazju illuminat kif xieraq:
 - 1.2.5. għall-headlamps u l-fanali taċ-ċpar ta' quddiem, viżta ta' kif jidhru l-fanali minn quddiem b'dettalji ta' ribbing tal-lenti, jekk ebda u l-cross-sezzjoni:
 - 1.3. Deskrizzjoni teknika fil-qosor li ssemmi, b'mod partikolari, ħlief għall-fanali li għandhom is-sorsi tad-dawl li ma jinbidlux, il-kategorija jew il-kategoriji tas-sorsi tad-dawl preskritti li għandhom ikunu wieħed jew iktar minn dawk li hemm fid- Direttiva 76/761/KEE (mhux applikabbli għall-imezzi retro-rifletturi):

- 1.4. Informazzjoni speċifika
- 1.4.1. Għall-fanali tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara, stqarrija dwar jekk il-mezz huwiex maħsub biex jillumina pjanċa wiesgħa/twila/kemm wiesgħa kif ukoll twila:
- 1.4.2. Għall-headlamps,
- 1.4.2.1. informazzjoni fil-każ li l-headlamp hu maħsub biex jagħti kemm raġġ dipped kif ukoll raġġ ewlieni jew biss wieħed minn dawk ir-raġġi:
- 1.4.2.2. informazzjoni fil-każ li l-headlamp hu maħsub biex jagħti raġġ dipped, jekk hu ddisinjat għal traffiku kemm fuq ix-xellug kif ukoll fuq il-lemin jew għal traffiku fuq ix-xellug jew traffiku fuq il-lemin biss:
- 1.4.2.3. jekk il-headlamp hu mgħammar b'riflettur aġġustabbli, indikazzjoni tal-pożizzjoni(jiet) ta' l-immuntar tal-headlamp f'relazzjoni ma' l-art u l-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura, jekk il-il-headlamp hu għall-użu f'dik (dawk) il-pożizzjoni(jiet) biss:
- 1.4.3. Għal fanali ta' pożizzjoni, fanali tal-waqfien u indikaturi tad-direzzjoni,
- 1.4.3.1. jekk il-imezz jista' wkoll jiġi użat f'assemblaġġ ta' żewġ fanali ta' l-istess kategorija:
- 1.4.3.2. fil-każ ta' mezzi b'żewġ livelli t'intensità (fanali tal-waqfien u indikaturi tad-direzzjoni tal-kategorija 2b), id-disinn ta' l-arranġament u l-ispeċifikazzjoni talkaratteristiċi tas-sistema li tassigura ż-żewġ livelli t'intensità:
- 1.4.4. Għal mezzi retro-rifletturi deskrizzjoni fil-qosor li tagħti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-materjali ta' l-unità ottika retro-riflettur:
- 1.4.5. Għal fanali tar-rivers, stqarrija dwar jekk il-imezz hux maħsub li jiġi stallat fuq il- vettura esklussivament f'par ta' mezzi:

Appendiċi

MUDELL

(il-format massimu: A4 (210 x 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna

- l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾

ta' tip ta' unità ta' vettura/komponent/separata ⁽¹⁾ fejn għandha x'taqsam id-Direttiva.../.../KEE, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva.../.../KE

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Ir-raġuni għall-estensjoni:.....

SEZZJONI I

- 0.1. L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. It-tip:
- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽²⁾:
.....
- 0.3.1. Il-lok ta' dak l-immarkar:
- 0.4. Il-kategorija tal-vettura ⁽¹⁾ ⁽²⁾:
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE:
- 0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

SEZZJONI II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): Ara l-Addendum
2. Is-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet:
3. Id-data tar-rapport tat-test:
4. In-numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): Ara l-Addendum
6. Il-post:

7. Data:
8. Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

(¹) Ħassar fejn ma japplikax.

(²) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

(³) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE Nru

li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent ta' mezz ta' dawl u/jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl fejn għandha/hom x'tjaqsam/u id-Direttiva(i) 76/757/KEE; 76/758/KEE; 76/759/KEE; 76/760/KEE; 76/761/KEE; 76/762/KEE; 77/538/KEE; 77/539/KEE u 77/540/KEE (¹) kif l-aħħar emendati mid-Direttiva (i)

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Meta applikabbli, indika għal kull fanal

1.1.1. Il-kategorija (i) tal-imezz (i):

1.1.2. In-numru u l-kategorija tas-sorsi tad-dawl (mhux applikabbli għal retro riflettur (²)):

1.1.3. Il-kulur tad-dawl mitfugħ jew rifless:

1.1.4. Approvazzjoni mogħtija biss għall-użu bħala parti ta' tibdil fuq il-vetturi diġà fis- servizz: Iva/Le (¹)

1.2. Informazzjoni speċifika għal xi tipi ta' mezzi ta' dawl jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl

1.2.1. Għal mezzi retro-rifletturi: Fiżolamenti/parti minn assemblaġġ ta' mezzi (¹)

1.2.2. Għal fanali ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' wara: Mezz biex idawwal pjanċa twila/pjanċa wiesgħa (¹)

1.2.3. Għall-headlamps; jekk mgħammra b'riflettur aġġustabbli, il-pożizzjoni(jiet) ta' l-immuntar tal-headlamp f'relazzjoni ma' l-art u l-pjan lonġitudinali medjan tal-vettura, jekk il-headlamp hu għall-użu f'dik/dawk il-pożizzjoni(jiet) biss:

1.2.4. Għall-fanali tar-rivers: Dan il-imezz għandu jiġi installat fuq vettura biss bħala parti minn par ta' mezzi: Iva/Le (¹)

5. Rimarki

5.1. Disinni

5.1.1. Għal fanali ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara: id-disinn mehmuż Nru..... juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha l-imezz għandu jiġi mqiegħed skond l-isparju li għandu jiġi okkupat mill-pjanċa tar-reġistrazzjoni, u l-outline ta' l-isparju mdawwal kif xieraq;

5.1.2. Għal mezzi retro rifletturi: id-disinn mehmuż Nru..... juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha l-imezz għandu jiġi mwaħħal mal-vettura;

5.1.3. Għall-imezzi kollha l-oħra ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl: id-disinn mehmuż Nru.... juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha l-imezz għandu jiġi mqiegħed mal-vettura, u l-assi ta' riferenza u ċ-ċentru ta' riferenza tal-imezz.

5.2. Għall-headlamps: Il-mod ta' operazzjoni użat matul it-test (punt 5.2.3.9 ta' l-Anness I mad- Direttiva 76/761/KEE):


(¹) Ħassar fejn mhux applikabbli.

(²) Għal fanali b'sorsi ta' dawl mhux sostitwibbli, indika n-numru u l-wattage totali tas-sorsi tad-dawl.

Appendiċi 3


EŻEMPJI TAL-MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

Il-Figura 1

 $a \geq 5 \text{ mm}$ 

Il-mezz li jkollu l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent murija fuq huwa fanal indikatur tad-direzzjoni tal-kategorija 4, li ngħata l-approvazzjoni tat-tip fil-Ġermanja (e 1) skond din id-Direttiva (01) taħt in-numru bażi ta' approvazzjoni 1471, li jista' wkoll jiġi użat f'assemblaġġ ta' żewġ fanali. Il-vleġġa tipponta lejn 'il quddiem tal-vettura.

Id-Direzzjoni li fiha l-vleġġ fuq il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip jippuntaw, skond il-kategorija tal-mezz hi indikata taħt:




Il-Figura 2a


Immarkar simplifikat ta' fanali raggruppati, kkombinati jew reċiprokament inkorporati meta żewġ fanali jew iktar jiffurmaw parti mill-istess assemblaġġ

(Il-linji vertikali u orizzontali jiskematizzaw il-forma tal-imezz ta' sinjalazzjoni bid-dawl. Dawn mhumiex parti mill-marka ta' l-approvazzjoni)

MUDELL A



MUDELL B



MUDELL Ċ

			R 2a IA 02 01 02 L 00 S2 AR F 02 00 00 1712 e1 ←

Nota: It-tliet eżempji ta' marki ta' l-approvazzjoni, il-mudelli A, B u Ċ jirrappreżentaw tliet alternattivi possibbli għall-immarrkar ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl meta żewġ fanali jew iktar jagħmlu parti mill-istess unità ta' fanali raggruppati, kumbinati jew reċiprokament inkorporati. Dawn il-marki ta' l-approvazzjoni juru li l-imezz kien approvat fil-Ġermanja (e1) bl-istess numru bażi ta' l-approvazzjoni 1712 u jinkludi:

Retro riflettur ta' klassi IA approvat skond id-Direttiva 76/757/KEE, Nru tas-sekwenza 02;

Indikatur tad-direzzjoni ta' wara tal-kategorija 2a approvat skond id-Direttiva 76/759/KEE, Nru tas-sekwenza 01;

Fanal ta' pożizzjoni aħmar fuq wara (R) approvat skond l-Anness II mad-Direttiva 76/758/KEE, Nru tas-sekwenza 02;

Fanal taċ-ċpar ta' wara (F) approvat skond id-Direttiva 77/538/KEE, Nru tas-sekwenza 00;

Fanal tar-rivers (AR) approvat skond id-Direttiva 77/539/KEE, Nru tas-sekwenza 00;

Fanal tal-waqfien b'żewġ livelli ta' intensità (S2) approvat skond l-Anness II mad-Direttiva 76/758/KEE, Nru tas-sekwenza 02;


Fanal tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara (L) approvat skond id-Direttiva 76/740/KEE, Nru tas-sekwenza 00.

Il-Figura 2b


Immarkar simplifikat ta' fanali raggruppati, ikkombinati jew reċiprokament inkorporati meta żewġ fanali jew iktar jiffurmaw parti mill-istess assemblaġġ

(Il-linji vertikali u orizzontali jiskematizzaw il-forma tal-imezz ta' sinjalazzjoni bid-dawl. Dawn mhumiex parti mill-marka ta' l-approvazzjoni)


MUDELL A




MUDELL B



MUDELL Ċ



MUDELL D



Nota: L-erba' eżempji ta' marki ta' l-approvazzjoni, il-mudelli A, B, Ċ u D jirrappreżentaw erba' alternattivi possibbli għall-immarkar ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl meta żewġ fanali jew iktar jaġhmlu parti mill-istess unità ta' fanali raggruppati, kumbinati jew reċiprokament inkorporati. Dawn il-marki ta' l-approvazzjoni juru li l-imezz kien approvat fil-Ġermanja (e1) bl-istess numru bażi ta' l-approvazzjoni 7120 u jinkludi:

Fanal ta' pożizzjoni ta' quddiem (A) approvat skond l-Anness II mad-Direttiva 76/758/KEE, Nru 02, għall-installazzjoni fuq in-naħa tax-xellug;


Headlamp (HCR) b'raġġ passanti ddisinjat għal traffiku fuq in-naħa tal-lemin u fuq in-naħa tax-xellug u raġġ għas-sewqan b'intensità massima kompriża bejn 86 250 u 101 250 candelas (kif indikat min-numru 30) approvat skond l-Anness V mad-Direttiva 76/761/KEE, sekwenza Nru 02, u li jinkorpora lenti ta' materjal tal-plastik (PL);

Fanal taċ-ċpar ta' quddiem (B) approvat skond id-Direttiva 76/762/KEE, Nru tas-sekwenza 02, u li jinkorpora lenti ta' materjal tal-plastik (PL);

Fanal indikatur tad-direzzjoni ta' quddiem ta' kategorija 1a approvat skond id-Direttiva 76/759/KEE, Nru tas-sekwenza 01.

Figura 3

Fanal reċiprokament inkorporat jew raggruppat ma' *headlamp*



L-eżempju t' hawn fuq jikkorrispondi għall-immarkar ta' lenti maħsuba biex tiġi użata f'tipi differenti ta' *headlamps*, jiġifieri:

jew:

headlamp b'raġġ passanti ddisinjat għaż-żewġ sistemi tat-traffiku u raġġ tas-sewqan b'intensità luminuża massima bejn 86 250 u 101 250 candelas (kif muri bin numru 30) approvat fil-Ġermanja (e1) taħt in-numru bażi ta' approvazzjoni 7120 skond il-ħtiġiet ta' l-Anness IV għad-Direttiva 76/76/KRR, sekwenza Nru 04, li huwa inkorporat b'mod reċiproku ma' fanal indikatur tad-direzzjoni ta' quddiem kif approvat skond id-Direttiva 76/759/KEE, sekwenza Nru 01,


jew

headlamp b'raġġ passanti u raġġ tas-sewqan, iddisinjat għaż-żewġ sistemi tat-traffiku u approvat fil-Ġermanja (e1) bin-numru bażi ta' l-approvazzjoni 7122 skond il-ħtiġiet ta' l-Anness II mad-Direttiva 76/761/KEE, Nru tas-sekwenza 01, li hu reċiprokament inkorporat ma' l-istess fanal indikatur tad-direzzjoni ta' quddiem bħal fuq,

jew

anke kwalunkwe mill-*headlamps* imsemmija fuq approvati bħala fanal wieħed.

Il-qafas ewlieni tal-fanal għandu jkollu l-uniku numru validu ta' l-approvazzjoni, per eżempju:





jew

jew

1a **CR**
 ↔
01 **01**

CR
 ↔
01



7122

7122

—

L-ANNEX II

ĦTIĠIET TEKNIĊI

1. Il-ħtiġiet tekniċi huma daww stipulati fil-paragrafi 1 u 5 sa 8 u l-Annessi 1, 4 u 5 tar-Regolament UN-ECE Nru 6 li jikkonsisti f'konsolidazzjoni tad-dokumenti li ġejjin:
 - is-serje ta' emendi 01 li tinkorpora s-Supplimenti 1 sa 5 tas-serje ta' emendi 01 u l-varji korriġendi għaliha ⁽¹⁾
 - is-suppliment 6 mas-serje ta' emendi 01 ⁽²⁾
 - is-suppliment 7 mas-serje ta' emendi 01 ⁽³⁾
 ħlief li:
 - 1.1. fejn hi magħmula riferenza għar-'Regolament Nru 48', dan għandu jkun mifhum bħala d-'Direttiva 76/756/KEE.'
 - 1.2. fejn hi magħmula riferenza għar-'Regolament Nru 37', dan għandu jkun mifhum bħala l-'L-Anness VII mad-Direttiva 76/761/KEE.'

⁽¹⁾ E/KEE/324
E/KEE/TRANS/505 } Rev. 1/Add. 5/Rev.2.

⁽²⁾ E/KEE/324
E/KEE/TRANS/505 } Rev.1/Add.5/Rev.2/Amend.1.

⁽³⁾ TRANS/WP.29/518.